MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Numru. 569/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)**

**versus**

**Victor Ward**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra Victor Ward ta’ 53 sena iben Emanuel Borg u Maria Dolores Freeney nee Ward imwieled il-Hamrun nhar it-2 t’Ottubru, 1950 u joqgħod 24 Triq San Ġwann Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 899550(M)

Akkużat

(a) talli fis-6 u 7 ta' Lulju 2004 f'dawn il-Ġżejjer bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna u cioe' lil Maria Rosaria Micallef mill-Iklin kontra l-volonta' tagħha meta hija ġiet mhedda bil-mewt; (86, 87(1)(c) tal-Kap 9)

(b) talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi uża vjolenza sabiex ġiegħel lill-istess Maria Rosaria Micallef tagħmel, tħalli jsir, jew toqos milli taħgmel xi ħaġa; (artikolu 251 tal-Kap 9)

(ċ) talli fil-ħin ta' l-imsemmija delitti kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar; (art.26(a) tal-Kap 66)

(d) talli mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu; (Artikolu 3(1A) tal-Kap 66)

(e) talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' ;-imsemmija Maria Rosaria Micallef skond ma ċċertifikat Dr.Mary Vella MD tal-Mosta Health Centre.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2004 sabiex il-proċeduri jkunu sommarji, ir-risposta ta' l-imputat li fiha wera li ma kellux oġġezzjoni sabiex il-proċeduri jkunu sommarji, liema kunsens huwa kkonferma wara li ngħata żmien biex jaħsibha dwar dan, l-istqarrija ta' l-imputat, iċ-ċertifikat mediku rilxxajat minn Dr.Mary Vella fis-7 ta' Lulju 2004 fl-16.15p.m., ir-ritratti ta' l-arma użata, r-rapport tal-psikjatara Dr.Vella Baldacchino maħtur mill-Qorti biex jirrelata dwar il-kundizzjoni ta' l-imputat, ir-rapport tal-Brigadier Maurice Calleja maħtur mill-Qorti biex jirrelata dwar l-arma, l-ittra ta' l-Avukat Dr.Ian Farrugia fejn talab lill-Kummissarju biex jieħu passi kontra l-imputat wara li ta dettalji dwar dak li allegatament kien ġara, u r-rapport li għamlet Maria Rosaria Micallef fid-9 ta' Lulju, 2004 ippreżentat minn PS 508 Francis Bezzina (fol 102).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet ix-xhieda ta’ l-abbli Prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

## Il-Fatti fil-Qosor

5. Li l-fatti tal-każ kienu dawn. Fis-6 ta’ Lulju 2004 għall-ħabta tal-11 ta’ filgħodu, l-imputat kien mar ħdejn id-dar ta’ Maria Rosaria Micallef. Huwa talabha tidħol fil-karozza u minn dak il-ħin l-imputat iffirmaha bl-arma. Huwa saq biex jiltaqa’ mat-tifel tagħha Darren għax xtaq jirranġa ma’ dan. Imbagħad saq lejn Ħad-Dingli waqt li Maria Rosaria Micallef baqgħet arrestata mill-imputat u ppruvat tiftaħ il-karozza li kull darba kien isakkarhielha l-imputata.Ħad-Dingli ried l-imputat ried item ħajtu u kkarga l-pistola. Il-vittma ppruvat taħrab iżda l-imputat ġera warajha u tefagħha fil-karozza.

6. L-imputat baqa’ sejjer lejn l-Armier u fit-triq waqfu x-Xemxija beix jixtri xi luminati. Biex il-vittma ma taħrablux huwa sakkarha fil-bagoll tal-karozza. Wara reġa’ fetħilha u daħħalha fil-karozza u waslu l-Armier. Kien hemm mumenti fejn l-imputat talab lill-vittma biex toqtlu u beda jgħidilha li hu ried imut ħdejha. L-imputat minn jheddu ta l-pistola lill-Pulizija kif ukoll il-pouch. F’seduta oħra l-Ispettur Anthony Portelli ippreżenta ritratti ta’ pistola meħudin minn PS 1336 Jesmond Scicluna.

## L-Istqarrija ta’ l-Imputat

7. Fl-istqarrija l-imputat qal li kien diġa’ qed ikolli diffikulta’ biex jikri flat minħabba aspetti finanzjarji. Huwa saq fid-direzzjoni tad-dar tal-vittma fejn ikkonferma li qalilha biex tirkeb. Fit-triq il-vittma bdiet titolbu biex iniżżilha iżda hwua ma riedx għax ried ikompli jitkellem magħha u beda jikkontrolla l-bieb mis-central lock. Huwa beża’ li setgħet taqbeż mill-karozza waqt li din tkun miexja. Huwa beda jippontalha l-pistola ma’ ġenbha għalkemm hu ħaseb li l-imputata kienet taf li l-pistola kienet vojta. Seta’ wkoll li bid-disprament qalilha biex imutu flimkien.

8. F'Ħad-Dingli huwa xtaq li jsipara għal rasu. Hawn l-imputata ippruvat taħrab iżda hu qabadha u tefagħha fil-karozza. Wara saq lejn il-Girgenti iżda l-vittma ma riditx tieqaf ħdejn il-Madonna. Fix-Xemxija huwa ordna lill-vittma biex tidħol fil-bagoll. Marru l-Armier u bdew deħlin it-telefonati minn għand it-tfal tal-vittma. Fl-erbgħa ta' filgħodu l-vittma kkonvinċiet lill-imputat jeħodha lura d-dar u għal xi 7.00 ta' filgħodu l-vittma qalet lill-imputat sabeix jixtrilha l-gazzetta forsi jsibu flat u jmorru joqogħdu flimkien.
L-imputat ammetta li kien żamm lill-vittma kontra l-volonta' tagħha u qal li ddispjaċih. Huwa qal ukoll li l-pistola u l-munizzjon kien xtrahom madwar għaxar snin qabel. Huwa qal li l-pistola kienet vojta iżda meta kien Ħad-Dingli kien daħħal xi bullits ġo fih u kien lest li jispara lilu nnifsu iżda ma kienx lest iweġġa' lill-vittma.

9. Dr.Joseph Spiteri xehed li l-imputat kien ibati minn depression. Kien hemm deterjorazzjoni ta' l-istat mentali ta' l-imputat u kien saħansitra rraporta li kien suwiċidali u għalhekk kien irrakkomanda li jinżamm Mount Carmel taħt l-artikolu 20 tal-Mental Health Act. Iżda ma kienx hemm dubju li l-imputat jista' jixhed u li kien 'of a sound mind'

### Xhieda tal-Prosekuzzjoni

10. Il-vittma prattikament ikkonfermat il-fatti kif esposti mill-Ispettur u l-imputat b'xi dettal jew tnejn li ma jaqblux għal kollox ma' dak li qal l-imputat. Ħasset l-arma tħokk ma' ġenbha u bdiet tgħajjat u tibki. F'Ħad-Dingli beda jammoniha li ser jisparalha u imbagħad jispara lilu nnifsu. Hi ħarġet mill-karozza iżda hu ġibidha minn xagħarha u kaxkarha għal ġol-karozza u daħħalha fuq is-sit ta' wara. Il-vittma kkonfermat li ddaħħlet fil-bagoll tal-karozza fejn twerwret u bdiet tieħu n-nifs minn ġol-lastiku. Ħadha fl-Aħrax tal-Mellieħa[1] u beda jgħidlha 'Ejja ħa neħilsuha'. Hemm damu l-lejl kollu u qalilha biex jgħid r-Ružarju ma' Radju Marija. Il-vittma qalet li ċemplitilha t-tifla iżda l-imputat beda jgħid lit-tifla biex ma tindaħalx. L-imputat

[1] Aktarx li l-vittma hawn riedet tgħid l-Armier

beda jongħos xi ftit u imbagħad qal lill-vittma biex jeħdoha d-dar.

11. Il-vittma spjegat li l-arma kienet żgħira u għarfet l-arma li ntweriet. Filfatt qalet: 'Hekk qisha. Għax jiena ma ħadthiex f'idi.' Hija wkoll ratu jaħgmel xi bullit żgħir ġo l-arma.

12. Xehed ukoll it-tifel tal-vittma Darren Micallef li kien irenxxielujaqbad lil ommu għal xi s-sitta ta' filgħaxija u l-imputat beda jistiednu għall-ġlied. Ix-xhud beda jargumenta ma' l-imputat għax ix-xhud ried ikellem lil ommu. Ix-xhud kien għamel rapport dwar l-inċident f'xi l-5.20 p.m. fl-Għassa ta' l-Imsida. Żied jgħid li kienhemm inċident ieħor fejn l-imputa tkien refa' jdejh fuq ommu.

13. Wara li xehed it-tifel tal-vittma, xehdet it-tifla Maria Rita Micallef li kienet ippruvat iċċempel lil ommha diversi drabi u meta fl-aħħar qabdet l-imputat beda jgħid lix-xhud biex ma tindaħalx. Hija baqgħet tistenna lil ommha sa 3.30 a.m. Hija rat lil ommha għal xi 07.30 am jew it-08.00 am u kient tidher imwerwra.

14. Il-Prosekuzzjoni tellgħet ukoll lil Dr..Mary Vella li kient sabet grif fuq il-vittma u kellha girfa oħra superfiċjali ta' ċentimetru taħt il-kustilji tax-xellug. Il-grif kien reċenti, forsi magħmul sigħat qabel. Lit-tabiba qaltilha li kienet miżmuma minn xi ħadd.

15. Xhud ieħor tal-Prosekuzzjoni kien PC 705 Adrian Borg li ġabar l-arma minn għand l-imputat. Dan tahielhom minn wara l-friġġ. L-arma kien fiha sitt bullits u kien hemm kaxxa bullits. Dan ix-xhud għaraf l-arma u qal li l-imputat kien ikkopera mal-Pulizija meta marru jiġbru l-arma.

**Xhieda ta' l-esperti maħtura mill-Qorti**

16. Il-Qorti ħatret żewġ esperti: Dr.Vella Baldacchino biex jeżamina lill-imputat u l-Brigadier Maurice Calleja sabiex jeżamina l-arma.

17. Dr Vella Baldacchino qal li l-imputat kien għaddej min stree psikoloġiku iżda ma kienx ibati minn psikożi. L-imputat kien fi stat mentali tajjeb u ma jirriżultax li kien qed ibati minn xi kundizzjoni mentali li tiddistakkah nir-realta'. Il-kapaċita' di intendere u volere ta' l-imputat kienet intatta. Meta xehdet il-vittma quddiem dan l-espert din qalet li dak li sar kien aktar biex ibeżżagħha milli biex iwettaq dak li kellu f'moħħu. (ara fol.96). Mistoqsi mid-difiża dwar l-istat ta' l-imputat, l-espert wieġeb li l-imputat kien jaf x'qed jagħmel u kellu ċertu luċidita'. Żgur li ma kellux xi marda li setgħet teffettwalu l-volonta' tiegħu.

18. Il-Brigadier Maurice Calleja xehed li l-arma kienet tiffunzjona tajjeb. Hija semi-automatic tad-ditta Browning FN u għandha kalibru 32 Auto (6.35). Barra dan il-munizzjon huwa kollu kkargat u ta' l-istess kalibru bħall-pistola.

19. WPC 126 Josianne Buttigieg ikkonfermat li l-imputat ma kellu ebda liċenzji biex iżomm xi arma.

20. Id-difiża telelgħet bħala xhud biss lil Dr.Vella Baldacchino u l-mistoqsija ewlenija diġa' saret referenza għaliha aktar 'l fuq.

**Konsiderazzjoni tl-Qorti.**

21. L-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat taqa' taħt la-rtikolu 86 tal-Kap 9. Dan l-artikolu jipprojbixxi li wieħed jarresta, jżomm, jew iżomm magħluqa xi persuna kontra r-rieda ta' dik il-persuna ħlief f'dawk il-każijiet permessi taħt ordni ta' awtorita' kompetenti jew meta persuna privata tkun awtorizzata li żżomm li dak li jkun.

22. Mela l-elementi ta' dan ir-reat huma bażikament tlieta:

(a) Li wieħed iżomm persuna
(b) Li din il-persuna ma tkunx trid li tkun miżmuma.
(ċ) Li dan l-arrest ma jkunx awtorizzat minn awtorita' kompetenti jew ma jkunx arrest li persuna privata setgħet twettaq.

Ma' dawn wieħed irid iżid l-element formali.

23. Fil-fehma tal-Qorti m'hemmx dubju li l-imputat żamm lill-vittma taħt arrest. Dan l-ewwel element joħroġ mill-istqarrija stess ta' l-imputat kif ukoll mix-xhieda tal-vittma. Din ta' l-aħħar ippruvat toħroġ mill-karozza u ma tħallitx tagħmel dan, kienet sfurzata tidħol fil-bagoll tal-karozza kif ukoll, meta rnexxielha tiżgiċċa, inġibdet minn xagħarha mill-imputat u ddaħħlet lura fil-karozza. M'hemmx dubju li f'dawn il-proċeduri għandna każ ċar ta' persuna miżmuma. Kif jgħid l-Antolisei:

'L'elemento oggettivo (di questo reato) consiste nella privazione della liberta' persoanla, la quale qui va intess in senso restrittivo, e cioe'coem liberta' spaziale o liberta' di muoversi nello spazio.

Soggetto passive puo' esser anche chi si trovi gia' in stato di parziale privazione della liberta', qualora venga ulteriormente limitata la sfera di movemento a lui consentita.

Il delitto si consuma nel tempo e nel luogo in cui si verifica la privazione delal liberta' personale.'[2]

24. Mill-fatti jirriżulta wkoll li l-vittma mhux biss ma riditx li tkun hekk miżmuma, iżda li saħansitra ttantat taħrab u baqgħet imwerwra wara din l-esperjenza. Aktar u aktar meta din ħasset ma ġenbha l-ponta ta' pistola. Kif jgħid tajjeb il-Professur Mamo huwa u jikkwoti 'l Roberti:

'The words 'arrest', 'detention' and 'confinement' are not synonymous: each word indictes a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: 'Il reato preveduto mell'articolo 169 (our section 85) esiste sia quando alcuno si Fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere sou malgrado in quell luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.' (Roberti – ibid para.323). The illegal arrest may subssit as an offence although it is not

[2] Antolisei F. Parte Speciale 1 paġini 143 u 144.

followed by detention or confinement. Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested; or may be confined in a lonely place, or may, by a fresh act of violence, be confined in a place where he is.’[3]

25. Li dan il-każ ma jaqax taħt l-eċċezzjonijiet imsemmija mil-Liġi, din il-Qorti m’għandha ebda dubju. L-imputat ma kellu ebda ordni mogħtija minn awtorita’ kompetenti kif ukoll dan ma kienx każ meta persuna privata tkun tista’ tarresta persuna oħra. Meta kien qed jikteb in-Noti tiegħu għat-Tieni Parti, il-Professur Mamo saqsa għala l-liġi tagħna ma tespiċifikax meta individwu privat jist’ jarresta persuna. Huwa kiteb:

26. Section 85 (illum 86) saves from its own operation the cases in which the law authorises private individuals to arrest offenders, the question naturally arises: which are these cases.’[4]

27. Huwa imbagħad jirreferi għall-Kodiċi Franċiż li jispeċifika dawn il-każijiet waqt li jsemmi bħala eżempju l-Official Secrets Act meta individwu privat jista’ jarresta persuna oħra. Illum l-artikolu għadu silenzjuż u wieħed irid iqalleb bnadi oħra għar-risposta u jiltaqa’ ma’ l-artikolu 355W (introdott bl-Att III ta’ l-2002) kif ukoll id-drittijiet li għandhom il-bdoti taħt l-att speċjali dwar is-Sigurta’ fuq l-Ajruplani li huwa msejjes fuq erba’ Trattati Internazzjonali dwar il-ħtif ta’ l-ajruplani.

28. Fil-każ in eżami ebda wieħed mill-provvedimenti msemmijin ma’ jaqa’ taħt dawn l-eċċezzjonijiet.

29. Dwar l-element formali m’hemm bżonn ta’ ebda mottiv speċjali. L-istess awtur, Franceso Antolisei jgħid:

‘L’elemento soggettivo consiste nella coscienza e volonta’ di privare taluno della sua liberta’ persoanle, senza

---

[3] Professur mamo: Notes on Criminal Law Part 2 paġina 35 u 36.
[4] Professur Anthony Mamo: Notes on Criminal Law Part 2 paġina 34.

averne l'autorizzazione. Non occorre alcun fine speciale.'[5]

30. Mir-rapport tal-psikjatra espert maħtur mill-Qorti jirriżulta pjenament li l-imputat kellu l-kapaċita' di intendere u volere u lima kein affett minn ebda psikożi. Għaldaqstant il-Qorti ssib lid an l-element huwa soddisfat ukoll.

31. Fl-ewwel imputazzjoni l-Prosekuzzjoni semmiet ukoll it-theddida tal-mewt. Għall-fini tal-Liġi taħgna din hija aggravju li jaqa' taħt l-artikolu 87 (1)©tal-Kap 9. Dan l-aggravju jirriżulta wkoll minħabba li fix-xhieda tal-vittma stess din tgħid ; 'F'Ħad-Dingli beda jammoniha li ser jisparalha.' Dan barra l-ġrieħi ħfief li jirriżultaw mill-eżami mediku.

32. Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni fl-intier tagħha. L-attenwanti ta' l-artikolu 89 ma japplikax għall-kaħ minħabba li l-aggravju msemmi hawn inkluż fl-eċċezzjonijiet fejn il-Leġislatur ried li la darba hemm dan it-tali ta' aggravju l-imputat ma jgawdix mill-attenwanti. Fil-fatt il-Professur Mamo jgħid li biex jinħtieġ erba' kundizzjonijiet biex l-attenwanti tkun applikata mill-Qorti u propju l-ewwel kundizzjoni hi li l-arrest ma jkunx wieħed aggravat.[6]

33. It-tieni imputazzjoni tal-Prosekuzzjoni taqa' taħt l-artikolu 251 tal-Kap 9 li jgħid:

***'Kull min juża l-vjolenza sabiex iġeigħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli jsir, jew joqos milli jagħmel xi ħaġa, jeħel meta jintab ħati il-piena msemmija fis-sub-artikolu(1) ta' l-artikolu ta' qabel dan (priġunerija minn ħamsa sa tmintax-il xahar).***

34, Fil-fehma tal-Qorti il-każ odjern huwa aktar wieħed ta' sekwestru tal-persuna milli wieħed fejn persuna qed tkun sfurzata tagħmel xi ħaġa jew li ma tagħmilx xi ħaġa.

5 Antolisei F. op.cit. pagina 145
6 Mamo A. op. cit. paġina 38.

S'intendi l-vittma tħallitx toħroġ mill-karozza iżda l-iskop wara l-artikolu 251 huwa differenti u jrid jolqot sitwazzjonijeit oħajn. Per eżempju, iġġiegħel li xi ħadd jaqbeż ġo dar biex jisraq jew bil-vjolenza ma tħallix li jsir auditing ta' kumpannija kif suppost. Għaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

35. It-tielet imputazzjoni taqa' taħt la-rtikolu 26(a0 tal-Kap 66 tal-liġijiet ta' Malta. Mill-atti tal-proċess huwa ampjament ippruvat li waqt li kien qed iseħħ delitt, fost l-oħrajn, kontra l-persuna. Hawnhekk, id-delitt kontra l-persuna huma l-ġrieħi ħfief gaħleix is-sekwestru ma jaqax taħt dan it-titolu. Dwar l-eżistenza tal-ġrieħi u li l-awtur ta' dawn kie l-imputat ma jeżisti ebda dubu. Għalhekk il-Qorti ssibu ħati tat-tielet imputazzjoni.

36. Ir-raba' imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 3(1A) tal-Kap 66. Hemm provi ċari li l-imputat (a) kellu arma u munizzjoni ; (b) illi l-arma kienet minghajr liċenzja; (c) li din kienet qed tintuża barra minn xi dar. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni ippruvat ukoll ir-raba' imputazzjoni.

37. Il-ħames imputazzjoni taqa' taħt l-artikolu 221 tal-Kap 9. Fl-atti tal-proċess jinsabu provi ta' ġrieħi ħfief ċertikatimit-tabiba li ezaminat il-vittma kif ukoll li hemm ir-rapport tal-vittma li huwa meħtieġ ai fini ta' l-artikolu 221(4) meta l-ġrieħi huma ħfief.

## Konklużjoni

38. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 86, 87(1)(c), 221(1)(4) u 251 tal-Kap 9, kif ukoll l-artikolu 3(1)(A), 19 u 26(a) tal-Kap 66 issib l-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.
Dwar il-piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa ta' l-imputat u d-depression li kien għaddej minnha l-imputat. Iżda l-Qorti hija konxja li dan kien delitt serju ħafna tant li l-imputat saħansitra qal lill-vittma biex ma titkellem ma' ħadd.

39. Wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta’ priġunerija ta’ tnejn u għoxrin xahar b’dan pero’ li dawn ma jiġux fis-seħħ sakemm l-imputat ma jagħmilx xi reat ieħor fi żmien erba’ snin mil-lum kif ukoll għall-ħlas ta’ multa li tammonta għal mitejn u ħamsin lira Maltija (Lm250). Il-multa tista’ titħallas b’rati mensili ta’ għoxrin lira fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ erba’ ġimgħat mil-lum Fin-nuqas ta’ ħlas ta’ xi pagament, il-bilanċ irid jitħallas f’daqqa u jekk xi pagament jibqa’ mhux imħallas, dan jinbidel f’jum priġunerija għal kull Lm5 mhux imħallsin.

**Konfiska ta’ l-arma**

40. Il-Qorti qed tordna wkoll il-konfiska ta’ l-arma u tal-munizzjon ai termini ta’ l-artikolu 19 tal-Kap 66.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------